31995R0840

L 85/10 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 19.4.1995

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE, Euratom, KEFA) nr 840/95
ta' l-10 ta' April 1995
li jemenda r-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nr 2290/77 li jistabbilixxi l-emolumenti tal-membri tal-Qorti ta' l-Awdituri

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 188 b (8) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Faħam u l-Azzar, u partikolarment l-Artikolu 45b (8) tiegħu,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment l-Artikolu 160b (8) tiegħu,

Billi huwa għall-Kunsill li jistabbilixxi s-salarji, l-*allowances* u l-pensjonijiet tal-President u membri tal-Qorti ta' l-Awdituri;

Billi, wara d-dħul fis-seħħ tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-Qorti ta' l-Awdituri saret istituzzjoni tal-Komunitajiet Ewropej u għalhekk huwa jidher mixtieq li jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nr 2290/77 [1] rigward is-salarji u l-*allowances* tranżitorji tat-terminazzjoni tas-servizz,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Ir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nr 2290/77 huwa b'dan emendat kif ġej:

   L-Artikolu 2 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "*Artikolu 2*

   Is-salarju bażiku ta' kull xahar tal-Membri tal-Qorti ta' l-Awdituri għandu jkun daqs l-ammont li jirriżulta minn applikazzjoni ta' dawn il-persentaġġi li ġejjin fuq is-salarju bażiku ta' uffiċjal tal-Komunitajiet Ewropej fuq l-aħħar tarġa ta' Grad A 1:

   President: 115 %,

   Membri oħra: 108 %."

2. L-Artikolu 8(1) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

   "1. Għal tliet snin mill-ewwel jum tax-xahar li jiġi wara dak li fih ma tibqgħax fil-kariga, persuna li kienet membru tal-Qorti ta' l-Awdituri għandha tirċievi *allowance* tranżitorja kull xahar stabbilita skond il-proċedura li ġejja:

   — 40 % tas-salarju bażiku li kienet qed tirċievi meta ma baqgħatx fil-kariga jekk il-perjodu tas-servizz tagħha hu inqas minn sentejn,

   — 45 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa iktar minn sentejn imma inqas minn tliet snin,

   — 50 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa iktar minn tliet snin imma inqas minn ħames snin,

   — 55 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa iktar minn ħames snin imma inqas minn 10 snin,

   — 60 % ta' l-istess salarju jekk dak il-perjodu huwa iktar minn 10 snin imma inqas minn 15-il sena,

   — 65 % ta' l-istess salarju f'każijiet oħra."

Artikolu 2

Pensjonijiet miksuba fid-data tal-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament m'għandhomx jiġu mibdula b'dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jgħodd mill-ewwel data tax-xahar ta' wara l-publikazzjoni tiegħu.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fl-10 ta' April 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

A. JUPPÉ

---

[1] ĠU Nr L 268, ta' l-20.10.1977, p. 1. Ir-Regolament kif ġie emendat l-aħħar bir-Regolament (KEE, Euratom, KEFA) Nr 1084/92 (ĠU Nr L 117, ta' l-1.5.1992, p. 1).